C/2026/2429

24.4.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12311 – MESSER / AMBRIAN ENERGY / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/2429)

1. Fis-17 ta' April 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Messer SE & CO KGaA ("'Messer'", il-Ġermanja) ikkontrollata minn Messer Industrie GmBH ("'Messer Group'", il-Ġermanja),

— Ambrian Energy GmbH ("'Ambrian Energy'", il-Ġermanja), ikkontrollata minn V&V Kapital Invest GmbH & Co. KG (il-Ġermanja).

Messer u Ambrian Energy se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' NewCo (il-Ġermanja).

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Messer tappartjeni għal Messer Group, li huwa attiv fil-produzzjoni u l-provvista ta' gassijiet industrijali, gassijiet ta' speċjalità, gassijiet mediċi u taħlitiet ta' gass fl-Ewropa u globalment,

— Ambrian Energy hija prinċipalment attiva fil-bejgħ bl-ingrossa u l-ħżin ta' prodotti taż-żejt minerali, bħall-petrol, id-diżil u ż-żejt għat-tisħin, u l-bijofjuwils, partikolarment fit-Tramuntana tal-Ġermanja.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' NewCo huma li ġejjin: il-bini, is-sjieda u l-operat ta' terminal tal-esportazzjoni tas-CO2 b'aċċess miftuħ fiż-żona tal-port ta' Bremen fil-Ġermanja. It-terminal tal-esportazzjoni ta' Newco se jaħżen is-CO2 b'mod intermedju għat-trasport sussegwenti tiegħu bil-baħar u għall-ħżin ġeoloġiku permanenti tiegħu fil-Baħar tat-Tramuntana.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12311 — MESSER / AMBRIAN ENERGY / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË